Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 139 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Saviour Baldacchino

Vs

Brendon Peter Cain

Illum 6 ta′ Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Brendon Peter Cain detenur tal-karta tal-identita Maltija 421591 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta′ Gudikatura Kriminali talli:

Fit-30 ta′ Dicembru, 2011 ghall-habta tas-sitta u nofs ta′ filghaxija gewwa l-Imsida b′ nuqqas ta′ hsieb, bi traskuragni jew b′ nuqqas ta′ hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b′ nuqqas ta′ tharis ta′ regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt feriti ta′ natura gravi fuq il-persuna ta′ Rosaria Grech detentrici tal-karta tal-identita numru 114943 M u dan waqt li kont qed issuq u / jew kellek taht il-kontroll tieghek vettura tal-ghamla Peugeot ta′ kulur ahmar bin-numru tar-registrazzjoni SAN711.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta′ Gudikatura Kriminali ta′ nhar is-7 ta′ Marzu, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 30 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, sabet lil Brendon Peter Cain hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, illiberat lill-istess Brandon Peter Cain bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` sentejn mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Brandon Peter Cain fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

In oltre, ordnat s-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-hati Brendon Peter Cain ghall-perjodu ta` erba xhur.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Brendon Peter Cain, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-26 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tvarja l-piena inflitta ghal wahda aktar miti u idoneja fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz kif fuq spjegati.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa fis-sens illi ghalkemm il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, jinghad li fic-cirkostanzi tal-kaz din hi wahda eccessiva.

Illi filwaqt li l-Ewwel Qorti qabel li dan l-incident ma sehhx b' xi ksuhat jew traskuragni kbira da parti tal-appellant, tant illi huwa gie liberat bil-kundizzjoni li ma jergax jaghmel reat iehor, l-istess Qorti ssospendiet il-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghall-perjodu ta' erba' (4) xhur. Fil-fehma tal-appellant, il-piena fir-rigward tas-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan kienet wahda manifestament eccessiva, sproporzjonata u li m' ghamlitx gustizzja mal-appellant.

Vera li wiehed jista' jargumenta li b' konsegwenza ta' dan l-incident, kien hemm persuna li kellha griehi ta' natura gravi. M' hemmx dubju li l-appellant certament ma jistax jigi akkuzat li hu hati ta' xi sewqan li jimmanifesta ksuhat, jew abbuz. Mod li ssuq b' mod abusiv u tikkaguna incident li jwassal ghal griehi ta' natura involontarja, u mod li taghmel zball genwin fis-sewqan li jwassal ghal griehi ta' natura involontarja. L-akkuza fil-fatt titkellem dwar traskuragni, u filwaqt li t-traskuragni hi kundannabbli, certament li ma

jimmeritax li l-appellant jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' erba' (4) xhur.

Il-Qorti ma qiesitx lanqas li quddiemha kellha a first time offender. Vera li din il-Qorti tista' targumenta li ghall-izball, wiehed irid ihallas. Izda l-hlas irid ikun proporzjonat ghall-ghemil kommess. Lanqas hemm dubju wkoll li l-piena hi sproporzjonata ghaliex hemm avarija enormi bejn il-piena li tigi inflitta f' kazijiet identici meta jkun hemm ammissjoni, u fil-kaz odjern. Huwa minnu wkoll illi l-Prosekuzzjoni tista' targumenta li l-appellant ghazel li ma jirregistrax ammissjoni, pero` huwa daqstant iehor minnu li hadd ma jista' jigi punit ghax jaghzel li jikkontesta l-akkuza dedotta fil-konfront tieghu – partikolarment fil-kaz odjern meta hemm kontestazzjoni serja kif inghad aktar qabel, u tali kontestazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti saret b' mod lejali u korrett - u lanqas hu sew li jkun hemm daqstant avarija enormi bejn min jaghzel li jikkontesta u min jaghzel li jammetti – anke billi skont il-gurisprudenza d-discount fil-piena li jinghata lil min jammetti mhux daqstant qawwi daqs id-diskrepanza fil-piena li kien hemm f' dan il-kaz ma' pieni solitament erogati mill-istess Ewwel Qorti.

Dan iwassalna lura ghall-kaz odjern. Kieku l-appellant ammetta, x' kienet ser tkun il-piena inflitta? Wiehed ihares lejn il-pluralita` ta' kawzi tal-istess xorta, anke decizi mill-istess Ewwel Qorti kif presjeduta, u jara li l-pieni inflitti, across the board, huma ta' natura li hi bil-wisq aktar miti u ta' xorta ohra minn dik inflitta fil-kaz odjern. Dan qed jinghad ukoll fl-isfond gja msemmi li hawn ghandna kaz fejn l-element ta' ksuhat u abbuz fis-sewqan hu eskluz ghal kollox.

Fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci</u>**, "mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler" [26.2.2009]:- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma

tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"

Illi kif gja inghad, din hi l-ewwel okkazzjoni fejn l-appellant tressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti u mhux persuna ta' kondotta kriminali imma persuna b' fedina penali nadifa. L-appellant m' huwiex ' a hardened criminal' u l-fatt li persuna taghmel zball, m' ghandux iwassal sabiex jigi msallab b' tali mod li jispicca jitlef il-liberta` li jsuq minhabba s-sospensjoni tal-licenzja, u jipperikola l-impjieg tieghu.

Meta wiehed ihares lejn is-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Aldo Muscat, deciza minn dina l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Gunju 2004, josserva illi l-imputat kien akkuzat b' diversi akkuzi konnessi mat-traffiku; fosthom sewqan ta' natura perikoluza u ta' velocita` eccessiva. Madanakollu, il-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph Galea Debono ordnat il-varjazzjoni fis-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ta' sitt xhur, ghal wahda ta' xaharejn. L-istess jinghad ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Grech** deciza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-23 ta' Ottubru 2012, fejn l-imputat saq il-vettura tieghu b' manjiera traskurata u perikoluza. L-istess Qorti kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-zmien tlett (3) xhur.

Illi l-appellant jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijijet **Il-Pulizija vs Juliette Azzopardi**, fejn ukoll b' konsegwenza ta' incident stradali gew kagunati griehi ta' natura gravi (il-parti leza tilef id-dawl minn ghajn wahda), il-Qorti presjeduta mill-Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech, sabet lill-akkuzata hatja madanakollu bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446

illiberata minghajr ebda kundizzjoni, u lanqas ma inponiet sospensjoni tal-licenzja.

Wiehed ma jistax ma jilmentax li l-Qrati taghna huma afflitti minn pjaga kbira, u cioe` l-karenza tas-sens ta' proporzjonalita` bejn kaz u iehor. Huwa minnu illi kull kaz huwa soggettat ghal dinamici diversi izda hadd ma jista' jlum lill-appellant jekk jghid li hu gie diskriminat ghaliex min gie akkuzat fuq imputazzjonijiet izjed gravi (in kwantu s-sewqan tieghu), inghata sospensjoni tal-licenzja ghal perjodu ferm anqas minn dik tal-kaz odjern.

Semghet lill-partijeit jittrattaw il-kaz u rat li ghalhekk din il-kawza tinsab differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat,

Fis-seduta ta' nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed l-**Ispettur Saviour Baldacchino** li spjega li fit-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) quddem l-Ghassa tal-Puliija, Triq Rue D'Argens, fl-Msida dahal rapport, xehed li anke l-Pulizija setghu jinnutaw ghax gara quddiem l-Ghassa, li vettura Peugeot 106 hamra misjuqa minn Brandon Peter Cain kienet involuta f'incident fejn giet imtajjra Rosaria Grech. Jghid li dan kien ghal habta tas-6:30pm.

Mistoqsi mill-Qorti jekk l-incident garax fuq iz-zebra peress li hdejn l-Ghassa hemm zebra wiegeb li dak il-hin inzerta li ma kienx hemm, kien fuq incident iehor. Jghid li giet imsejha ambulanza minhabba li Rosaria Grech sfat imwegga, qalghet daqqa sostanzjali. Jghid li r-rapport ghamlu PS65 Noel Said u jghid li sussegwentement inhargu l-akkuzi kontra Brandon Peter Cain minn naha tieghu. Jikkonferma li l-incident gie investigat mis-Surgent. Mistoqsi hemmx xi problema bil-lights li qeghdin vicin tal-Ghassa tal-Pulizija jghid li ma jafx biha. Jghid li qatt ma nnota li hemm problema u qatt ma rcieva ilmenti. Mistoqsi jekk qatx ra 'l-*orange jifflexjaw?*' wiegeb li le qatt ma ra. Jghid li mhux hu jkun qed isuq u jghid li s-Surgent jista' jixhed ahjar.

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehdet **Helen Mifsud** fejn spjegat li Rosaria Grech hija ohtha li ghandha disgha u sittin (69) sena. Hi kkonfermat li kienet maghha fit-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011), tghid li kienet l-Imsida ma' ohtha fejn kienu sejrin jisimghu quddies l-Msida stess, il-Parocca ta' San Guzepp. Tispjega li qasmu minn fuq il-lights, tghid li qasmu minn naha ta' fejn il-kmamar tal-banju ghan-naha tal-Ghassa u tghid li '*Ma kien gej xejn karozzi, xejn xejn.*' Mistoqsija harsitx wiegebet '*Iva, f'hin minnhom nara l-ohti, tizbita ma' bieb, hemm bieb hdejn l-ghassa ahdar u ghandu miktub fuqu 'For Sale', ohti ddur, giet rasha mal-bankina u min tajjarha baqa' sejjer, lanqas induna li l-ohti tajjarha. Jiena bdejt nghajjat u nwerzaq kemm niflah biex in-nies jaghtuni l-ghajjut. Kellhi l-umbrella f'ideja ghax imbaghad ghamlet ftit xita, fuq iz-zebra cross jiena tghidx kemm bdejt nghajjar u nxejjer b'idejja u min kien mill-umbrella induna, min kien hemm mieghu induna li gara xi haga ghax min kien hemm mieghu qaltli 'xgara?'. Ghedtilha 'ara, ara x'gara'.*'

Tikkonferma li qasmu minn fuq iz-zebra crossing u mistoqsija harsitx 'l isfel wiegbet '*Iva mhux naha wahda hemm.*' Mistoqsija mill-Qorti '*Meta intom bdejt taqsmu, inti u ohtok ghal li jista' jkun kont lambranzetta jew ohtok kienet quddiem u inti wara jew inti quddiem u hi wara?*' wiegbet '*Jiena kemm ilhaqt tfajt saqghajja wahda fuq il-bankina u ohti hdejja.*' Mistoqsija '*Il-bankina, inti u niezla jew tal-faccata l-oghra?*' wiegebet li '*Tal-faccata l-ohra, kont wasalt biex nispicca t-triq.*' Tghid li '*Ohti kienet hdejja, jiena stess bqajt imbelha u ccassata.*' Mistoqsija jekk ohtha kinietx fuq il-lemin jew xellug taghha tghid li '*jiena jkolli nghid ohti keinet fuq din in-naha.*' Il-Qorti staqsiet '*Fuq ix-xellug tieghek pass jew tnejn warajk?*' wiegbet '*Hekk hu, nahseb lanqas kien hemm zewg passi.*' Mistoqsija hi kinitx iktar vicin l-ghassa milli ohtha tghid li '*Ma l-istess naha konna t-tnejn.*' Tghid li '*Ahna flimkien konna u jiena hemm waddabt saqajja fuq il-bankina.*' Tghid li otha kienet fuq ix-xellug taghha. Tghid li l-karozza waqfet ftit 'l boghod tghid li suppost hemm l-isketch imma ma waqafx mill-ewwel, baqa' tiela ' fuq u hi bdiet tghajjat l-ghajjut kemm tiflah fuq il-lights, '*kellhi l-umbrella u bdejt naghmel bl-umbrella u nghajjat kemm niflah ghall-ghajjut.*' Tghid li mill-Ghassa hargu l-Pulizija u Pulizija cempel l-ambulanza u baqa' maghhom u mbaghad gabilha lizar ghax qasmilha rasha mal-bankina, beda hiereg hafna dmija u mbaghad gie pulizija iehor biex igiblu lizar u

ghamluhulha taht rasha, giet l-Ambulanza u baqghu sejrin l-isptar. Tikkonferma li l-karozza sadanitant lahqet waqfet. Tghid li min kien qieghed isuq u min kien mieghu gew hdejhom tghid li '*Iva kienu tnejn, kien hemm tfajla, la naf li hija l-mara tieghu u lanqas l-gharusa tieghu, ma nafx, bdiet itteptiplu fuq spaltu u huwa beda jaghmel hekk fuq wiccu.*' Hija gharfet lil imputat fl-awla. Tghid li '*Fejn li kienet taghmel dak ix-x-xoghol kollu, ohti issa ma tistghax taghmlu.*' Tghid li ohta ikbar minnha, li kienet b'sahhitha. Tghid li qieghda d-dar u mistoqsija tistax tohrog tghid li johorguha jridu ghax mhux kapaci tigi wahdiha.

In kontro-ezami tghid li kienu se jisimghu l-quddies tas-6:30pm, tghid li t-triq kienet kollha mixghulha bid-dawl tal-Milied, il-bozza ta' fuq iz-zebra cross bdiet tixghel u tifti bl-orange u tghid li fuq il-lights hemm bozza kbira tal-Gvern. Tghid li dlam ma kienx hemm zgur ghax minn fuq sa isfel kienet mixulha b'tal-Milied. Mistoqsija mill-Qorti x'isimha ohtha tghid li Lucy Grech.

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Dr Alex Sciberras** in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali tal-Msida u mistoqsi jekk il-lights f'Rue D'Argens l-Msida jahdmux xehed li '*il-lights hemm hekk kienu qeghdin on Amber itteptu jigifieri jservu bhala lights normali taz-zebra crossing.*' Jghid li '*Hemm hekk dejjem pjutost imdawwal, ghandek id-dawl li gej mill-ghassa u apparti minn hekk dak iz-zmien ikun hemm anki l-armar tal-Milied jigifieri jkun hemm id-dwal tal-Milied, it-triq hemm hekk tkun mixula sew.*' Mistoqsi x'jinkludi dan jghid li dwar it-triq kollha tista' tghid. Jikkonferma li tkun mixula iktar minn normali. Mistoqsi kif kien it-temp dak inhar ma jafx jirrispondi.

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Dr. Joseph Mifsud** li jghid li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) hatritu l-Qorti biex imur jisma' x-xhieda ta' Rosaria Grech li kienet rikoverata l-Isptar Karen Grech. Jghid li mar Karen Grech u meta mar informawh li Rosaria Grech kienet rilaxxata u kienet fir-residenza taghha. Xehed li meta nforma lill-Qorti, fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) gie estiz l-inkarigu

teghu biex imur jisma x-xhieda ta' Rosaria Grech fejn tghix flimkien ma' zewgha. Jghid li fit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) organizza seduta f'135, Triq Kuncizzjoni, Msida li ghaliha kien prezenti l-ufficjal Prosekutur l-Ispettur Saviour Baldacchino stazzjonat l-Ghassa tal-Msida. Jghid li ha x-xhieda ta' Rosaria Grech u minhabba li ma tafx tikteb, wara li qaralha d-deposizzjoni taghha ghamlet is-salib u kemm hu kif ukoll l-ufficjal prosekutur iffirmaw bhala xhieda tal-firma taghha. Huwa esebixxa dan id-dokument bhala numru 1, ossia r-relazzjni ta' Dr. Joseph Mifsud bix-xhieda ta' Rosaria Grech

**Rosaria Grech** xehdet fit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) quddiem Dr. Joseph Mifsud. Hi qalet li tiftakar li kien il-Gimgha tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u kienu s-sitta ta' filghaxija se jdoqqu, kienet sejra l-quddiesa fil-Parocca tal-Imsida. Qalet li l-knisja hdejn l-Ghassa tal-Pulizija. Tghid li kienet fuq il-lights hdejn l-Ghassa fi Triq D'Argens '*ha naqsam fuq iz-zebra corssing, kont diga qieghda naqsam. F'hin minnhom sibt ruhu ma l-art b'daqqa ta' karozza.*' Tghid li minn dak il-hin ma tiftakarx x'gara, la t-tip ta' karozza u lanqas il-persuna li kienet qieghda ssuq. Tghid li qabel qasmet harset lejn il-lemin u lejn ix-xellug u ma kienet tidher l-ebda karozza. Tghid li d-dawl tal-lights kien iteptep oranga tan-nofs imma ma kienx ahmar zgur. Tghid li kienet qiegdha taqsam ghan-naha fejn kien hemm l-Ghassa ghax kienet sejra l-knisja. Tghid li spiccat l-Isptar, kellha daqqa f'rasha, ksur taht iz-zaqq u rkupptejja imfarka. Damet xahrejn l-isptar u kellha taghmel sodda fil-kcina isfel ghax ma tistax titla' t-tarag.

Stante bdil fil-Magistrat sedenti, fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) il-partijiet kienu ezentaw lil Qorti mis-smiegh mill-gdid tal-provi kif gia prodotti.

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed **PS 65 Noel Said** li xehed li fit-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) kien stazzjonat l-Ghassa tal-Imsida second watch mis-siegha sad-disgha ta' filghaxija u ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija kienu nfurmawh permezz ta' telefonata li kienet

ghadha kif sehhet habta ftit il-fuq mill-Ghassa fejn hemm il-pellican lights, ftit metri l-boghod mill-Ghassa. Jghid li '*Prattikament ahna anke ghajjat smajna, jigifieri konna pronti ahna wkoll, anke hrigna barra u morna mill-ewwel fuq il-post.*' Jghid li Steve kuntistabbli bin-numru 1583 kien mieghu jassistih. Jghid li kif waslu fuq il-post sabu karozza Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni SAN 711 u jghid li jekk jiftakar sew kienet ta' kulur ahmar filwaqt li kien hemm persuna anzjana mixhuta fuq il-genb tat-triq fuq il-bankina. Jghid li cemplu mill-ewwel ghall-ambulanza u li ma damitx ma giet u hadet lil Rosaria l-isptar. Jghid li zammew it-triq maghluqa biex jaraw il-kaz u qabdu jiehdu l-verzjonijiet tax-xufier Brandon Peter Cain. Jghid li tkellem ukoll mal-passigiera li kien hemm mieghu certu Janette Cutajar li taghtu verzjoni ohra. Jghid li ha l-verzjoni ta' Rosaria u anke t'ohta u jghid li kienu qeghdin jaqsmu t-triq iz-zewg ahwa flimkien pero' ntlaqtet wahda. Spjega li dak iz-zmien inkluz il-gurnata tal-incident il-pellican lights kienu qeghdin amber iteptpu, li kienu ghamlu zmien mhux jahdmu fl-ahmar u bl-ahdar jghid li dejjem amber iteptpu. Jghid li dak iz-zmien jaf li kienu hekk. Huwa gharaf lill-imputat bhala x-xufier tal-vettura involuta. Ikkonferma li Rosaria Grech kienet qed taqsam fuq iz-zebra crossing fejn hemm il-pellican lights. Jghid li ha l-verzjoni taghha ukoll. Huwa prezenta r-rapport li hu mmarkat bhala Dok. NS.

In kontro-ezami, dwar it-temp jghid li qieghda mnizzla fir-rapport u li dak in-nhar kienet ix-xita. Jikkonferma li l-art kienet imxarba, ma rrizultawx brake marks u jghid li hi daqsxejn nieqsa mid-dawl bhala triq.

Skont ir-rapport tal-Pulizija a fol 49 et seq immarkat bhala Dok NS, is-sewwieq a tempo vergine qal li '*Kont qed insuq meta fit-triq ma kien hemm hadd, kont qed insuq bil-mod, u f' daqqa wahda rajtha taqsam u brekjajt biex nevitha. Kienu qed jaqsmu tnejn u tajjart lill-wahda minnhom. Naf li kienu liebsin bl-iswed, u anki t-triq mudlama.*'

Skont ir-rapport, il-passigier Jeannette Cutajar qalet li '*Ahna qieghdin navvicinaw il-light u kienu qed iteptpu amber, Brandon kien qieghed isuq bil mod, u f' daqqa wahda nsibu lill-dawk iz-zewg persuni qeghdin jaqsmu, kienu kwazi waslu fuq il-bankina, JAlla wahda*

*minnhom lahqitx telghatha l-bankina. Ghalkemm Brandon prova jevitahom laqat lill-wahda minnhom, infatti waqaf mill-ewwel mal-gemb tat-triq.'*

Rosaria Grech skont ir-rapport qalet '*Inzilna l-ewwel bankina, u kif kwazi qsamt il-bankina, giet din il-karozza u taghtni daqqa, u bid-daqqa tellghatni fuq il-bankina.*' Dwar Helen Mifsud fir-raport taht '*Witness comments*' hemm imnizzel '*Same as her sister Rosaria..*'

Ir-rapport tal-Pulizija jipprovdi li '*On the 30/10/2011 at around 19:00hrs, Msida Police were informed that near the ex-pelican light situated near same police station a woman was hit by a vehicle.*

*The divisional police repaired immediately on the spot where the ambulance was contacted. The police assisted the victim until the ambulance arrived. The driver of vehicle SAN711, stopped on the spot of the accident and was spoken to be the police for his version.*

*Rosaria Grech the victim of this incident was rushed to Mater Dei Hospital and is being examined. The police are waiting for the medical results. The police received a confirmation from Mater Dei Hospital that victim was not in danger of loss of life, in fact the road was re-opened for traffic.*

*Victim, is still being kept at hospital.*

*The only contact mobile no of victim is of a certain Raymond No: 78256437.*

*Updated on the 31/12/2011 by Ps65 Noel Said:*

*Today the 31/12/2011, the division police were informed through a medical certificate that the injured party Lucy Grech suffered grevious injuries in said accident as certified by Dr. 2862MD.*

*INSP.S. Baldacchino was duly informed of the incident'*

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed **Brian Farrugia** in rapprezentanza ta' Transport Malta dwar il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SAN 711 xehed li rrizultalu li hija vettura tal-ghamla Peugeot 106 ta' lewn ahmar registrata f'isem Justin Ellul u ila registrat fuq ismu mill-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Dwar il-licenzja jghid li Brandon Peter Cain bin-numru tal-karta tal-identita' 421591M ghandu licenzja taht kategorija B biex isuq vetturi taht it-tlett tunnellati u nofs u mhux izjed minn tmien (8) passigieri. Jghid li gabha fil-hamsa (5) ta' Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011) u valida sad-dsatax (19) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014).

Mistoqsi dwar it-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) jghid li f'dak il-perjodu il-vettura kienet registrata fuq Ashley Cain u dan mill-hdax (11) ta' Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011) sat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awissu tas-sena elfejn u tnax (2012). Dwar hlas ta' licenzja mill-elfejn u hdax (2011) jghid li kienet thallaset fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) ghal perjodu bejn l-ewwel (1) ta' Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011) u l-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012). Hu prezentata d-dokumentazzjoni relattiva li giet immarkata bhala Dok BF.

Fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) il-Qorti wara li rat il-verbal a fol 9 fejn gie mahtur Dr. Joseph Mifsud biex imur l-Isptar Karen Grech u jiehu d-deposizzjoni ta' Rosaria Grech, id-deposizzjoni a fol 17 u 18 u r-relazzjoni a fol 19 sa 25, ordnat lil Dr. Joe Mifsud sabiex jerga jaccedi fir-residenza ta' Rosaria Grech, din id-darba mhux biss fil-presenza tal-Ufficjal Prosekutur, izda fil-minimu l-imputat mar-rapprezentant legali tieghu biex jigi asisgurat id-dritt tal-kontro ezami li ghandu jsehh fl-istess seduta. Fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) il-Qorti rrevokat l-inkarigu estiz ta' Dr. Joe Mifsud u minflok hatret lil Dr. Richard Sladden.

Skont ir-relazzjoni tal-espert tekniku Dr. Richard Sladden a fol 74 et seq, **Rosaria Grech** regghet xehdet fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn qalet

li fit-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fis-sitta ta' filghaxija marret ghall-quddies bil-miexi fil-Parocca ta' San Guzepp tal-Imsida. Kienet ma ohtha Helen Mifsud, kien dalam pero kien hemm dawl tal-Milied. Tghid li telqet minn darha u mexiet lejn il-knisja flimkien ma' ohtha. Xehdet li:

*'Kif wasalna hdejn iz-zebra crossing li hemm magemb l-Ghassa tal-Imsida fil-bidu tat-telgha.*

*Kif wasalt kwazi hdejn l-Ghassa u kif kont ghadni fuq iz-zebra crossing, instabbat mal-art b'daqqa ta' karozza.*

*Nghid li qabel qsamt fuq iz-zebra crossing harist 'il fuq u 'l isfel ghalkemm it-triq hi one-way.'*

Il-parti leza spjegat li ma rat ebda vettura gejja qabel qasmet. Jidhrilha li t-traffic lights kienu il-hin kollu fuq il-kulur orangjo iteptpu. Qalet li t-traffic lights kienu dawk li jkollhom tlett (3) kuluri, ahmar, orangjo u ahdar. Tghid li bid-daqqa ta' karozza gholiet kwazi sa gholi ta' tieqa u spiccat mal-art. Tghid li qabel ma ntlaqtet, ma kinitx ratha il-vettura. Tghid li d-daqqa haditha fuq irkuptejha tal-lemin. Tghid li rkuppta tkissret u ghamlet operazzjoi, kelli punti f'rasha u ksur taht zaqqa. Damet xahtejn l-isptar. Wara li harget mill-isptar, marret tghix ma binta ghax ma setghet taghmel xejn. Go darha nizlet is-sodda isfel ghax ma tantx tista' titla' t-tarag. Tghid li torqod isfel. Spjegat li rrangat il-kamra tal-banju ghax ma setghetx tidhol fil-banju. Qalet li kif spiccat mal-art, tiftakar li giet mara pero' ma semghet xejn dak il-hin. Ma tafx x'tip ta' vettura tajritha u lanqas il-kulur taghha.

In kontro-ezami tghid li ma tiftakarx kemm huma 'l boghod minn xulxin il-lights li semmiet u z-zebra crossing, li t-temp kien bnazzi u ma kinitx xita. Tghid li qabel l-incident kienet timxi sew u dakinhar ma kinitx mghaggla, ma kelliex umbrella maghha dakinhar. Xehdet li ohtha kienet hdejha fuq iz-zebra crossing, tghid li ohtha qasmet iz-zebra crossing qabilha u kienet naqra 'l boghod minnha. Tghid li meta gara l-incident kienet fuq il-bankina. Tghid li bid-daqqa tal-vettura spiccat mal-art fuq iz-zebra crossing. Ohtha ma grala xejn, li hi u ohtha telqu flimkien biex imorru l-

quddies u wara l-incident ma kelmet lil hadd u imbaghad semghet l-ambulanza gejja.

In ri-ezami tghid li kienet diga' telghet fuq il-bankina ta' hdejn l-Ghassa meta ttajret mill-vettura.

Fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) il-prosekuzzjoni pprezentat affidavit ta' **Dr. Agnes Portelli** immarkat bhala Dok AP fejn iddikjarat li fit-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fit-tmienja ta' filghaxija (8:00pm) ezaminat lil Rosaria Grech bin-numru tal-karta tal-identita' 114943M li toqghod l-Imsida fl-emergenza tal-Isptar Mater Dei. Hi spjegat dak li sofriet il-pazjenta u ddikjarat li n-natura tal-griehi hija gravi.[1]

Xehed **Dr. Richard Sladden** fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) li b'referenza ghal fol 74 et sequitur ikkonferma li kien ha xhieda gewwa r-residenza ta' Rosaria Grech il-parte civile fil-prezenza tal-Ispettur Saviour Baldacchino, l-imputat kif ukoll il-parte civile u anke l-avukati rispettivi. Ikkonferma li saru l-kontro-ezamijiet li kellhom isiru.

Fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet **Dr. Agnes Portelli** li b'referenza ghac-certfikat mediku a fol 4 qalet li kienet ezaminat lil Lucy Grech[2] bin-numru tal-karta tal-identita' 149493M[3] fit-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) madwar it-tmienja ta' filghaxija u kienet sabitilha griehi li kienu ta' natura gravi li kienu ksur fl-ghadam tal-pelvis, ksur tal-ghadma tas-sieq fuq in-naha tal-lemin, tbengil fuq in-naha tal-koxxa tal-lemin, tlett kustilji miksurin u qasma ta' madwar hames (5) centimetri fuq in-naha ta' wara tar-ras. Tghid li ghamlu

[1] Ma jirrizultax car jekk fuq dan l-affidavit hemmx il-firma ta' Dr. Agnes Portelli stante li l-unika firma hija dik fuq it-tembru ta' Lorraine Doublet Barry bhala *Commissioner for Oaths.* Madankollu, Dr. Agnes Portelli xehdet quddiem l-Ewwel Qorti fil-25 ta' Ottubru, 2016.
[2] Ic-certifikat a fol jirreferi ghal Lucy Grech bhala isem il-pazjenta.
[3] Skont ic-citazzjoni Rosaria Grech ghandha n-numru tal-karta tal-identita' 114943M

CT scan ta' rasha li wera li ma kien hemm xejn minn naha tal-mohh, pero kien hemm qasma sostanzjali minn naha ta' barra.

B'referenza ta' fol 84 fl-affidavit datata t-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) ikkonfermat li qalet fir-rapport u hemm verifikazzjoni li l-kustilji kienu fuq in-naha tal-lemin. Tghid li l-affdiavit ghamlitu fil-prezenza tal-xtrays. Mistoqsija regghetx rat lis-Sinjura Rosaria Grech, tghid li le. Tghid li l-follow up isir minn specjalisti ohra.

Fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed l-imputat **Brendon Peter Cain**[4] li qal li kien qieghed isuq Peugeot 106 hamra, sejjer mid-dar f'Hal-Tarxien lejn il-Gzira biex jaghmel photocopy ta' progett tal-iskola. Xehed li l-incident sehh faccata tal-Ghassa tal-Pulizija fejn qabel l-Ghassa hemm bus stop. Jghid li kien gej mill-Belt umbghad hemm il-lane li terga ddur lura lejn il-Belt, jew il-lane biex tibqa' sejjer lejn il-Gzira. Dwar velocita' jghid li '*Kont ghadni kif nitlaq mill-lights. Kienet bil-mod zgur...*' Jghid li '*jien kont qieghed wara xi karozza jew tnejn qabel ma' qaleb il-lights. Allura ma' kontx ghaddej b'velocita' qawwija zgur, ghax anke ghandek zewg kisriet qabel ma' tigi.*'

Mistoqsi '*...inti wasalt biex tikser ghat-triq, u x'kien hemm quddiemek?*' wiegeb li '*X'hin iddur il-kantuniera thares lejn il-lights biex tara jekk il-lights jekk qelbux hodor jew hekk u jekk kienux qed jahdmu l-lights.*' Mistoqsi jekk i-lights kienux fl-istess posizzjoni li qehdin illum jew kienux x'imkien iehor, jghid '*Li naf ezatti li x'hin tikser il-kantuniera, ftit qabel l-Ghassa tal-Pulizija, jigifieri ddur il-kantuniera u tigi thares lejn il-lights mal-ewwel.*' Jghid li l-lights kienu flashing amber, flashing orange. Jghid li '*...x'hin rajt il-persuna nipprova nikser biex nevitaha u ndur fuq ix-xellug, ghax hi peress li tigi fuq il-lane tal-lemin, kullhadd kien jipparkja fuq ix-xellug, qabel. Allura ppruvajt nikser kollox fuq ix-xellug biex nevita l-persuna. Ghax kienu zewg minn nies qed jimxu wara xulxin. Allura lqatt il-persuna ta' wara.*' Jghid li rahom mal-ewwel u li '*L-ewwel azzjoni tieghi, l-istint kien biex indawwar kollox fuq ix-xellug jiena biex nevita l-persuna, ghax hemmhekk kelli l-aktar*

[4] Skont it-traskrizzjoni, isem ix-xhud tnizzel bhala Brandon Peter Kane

*spazju biex indur.'* Mistoqsi fejn spiccat il-vettura jghid li '*Imbghad wara li sar l-incident, kemm imxejt ftit il-quddiem u waqaft.'* Jghid li mar lura biex jara jekk il-persuna '*hux all right. U faccata kien hemm persuna u niftakar li kienet cemplet ghall-ambulanza mill-ewwel.'*

In kontro-ezami dwar minn liema lights kien ghadu kif qala' jghid li 'kien fil-lighta ew tibqa sejjer dritt ghal B'kara jew inkella tmur ghall-Gzira jew terga ddur'. Il-Qorti kkumentat li '*mill-lights sal-Ghassa hemm a good 100 meters. A very good 100 meters'* Mistoqsi '*flashing amber'* ghalih xi jfisser jghid li '*Huma mhux jahdmu imma caution'*, jghid li ma jghaddix ta' spiss. Mistoqsi '*Imma naqblu li fejn kien hemm il-lights, illum il-gurnata, dan li qed tghid flashing amber, fil-fatt huwa izjed il-fuq minn fejn illum hemm iz-zebra crossing, u tant hu hekk li l-hadid li kien imqabbad mieghu l-lights ghadu mwahhal mal-hajt. Jigifieri ha nkun car ezatt. L-incident sehh, ha nkun car mieghek, naqblu li l-incident sehh, hemm it-tieqa tal-Ghassa tal-Pulizija, ezatt? Fil-gemb?'* wiegeb '*Iva, iva'* Mistoqsi dwar iz-zebra crossing dak iz-zmien kienet izjed il-fuq' wiegeb li ma jahsibx. Jghid li ma tantx jghaddi minn hemm '*imma jien li naf zgur meta gara l-incident, jien wara mort fuq il-post jiena, u jien naf li ma' kienx hemm tabella ta' dak il-pupu jaqsam it-triq.'* Jghid li kienet ix-xita. Jghid li kien ghaddej bil-mod u kien ghadu kif kiser zewg kisriet u fix-xita mhux ser issuq bis-sahha jghid li '*Forsi b'20 jew bi 30.'* Mistoqsi rax iz-zewg persuni jaqsmu, jghid li '*Rajt il-persuna li kienet qed taqsam it-triq, allura jiena ksirt fuq ix-xellug biex nevitaha lill-persuna.'* Mistoqsi '*...imma inti rajt il-flashing amber, rajt iz-zebra crossing, per ezempju break m'ghafastx inti?'* wiegeb '*Dazgur'* jghid li ghafas break. Jghid li '*Jekk jien hrigt bil-mod, ma jfissirrx li ta' quddiemi hareg bil-mod ukoll imma.'* Dwar ta' quddiemu jghid li 'forsi kien hemm, ejja nghidu kien hemm 50 metru.' Jghid li '*x'hin iddur il-kantuniera, mill-ewwel jigu l-lights hemm.'*

Xehed li '*Hemmhekk malli ddur mal-ewwel issib il-lights. X'hin jiena rajt il-lights iteptpu amber, jien kont qed insuq bil-mod u naf li kont qed insuq bil-mod. Kienet ix-xita u jiena qatt ma' nsuq bis-sahha. U x'hin rajt lill-persuna ta' faccata, naf li kienetx bizejjed li naghfas il-brejk u ksirt kollox fuq ix-xellug biex nevita l-persuna. Huma kienu qed jimxu wara xulxin, u lqatt lill-persuna l-ohra li kienet miexja warajha.'*

Spjega li '*jien x'hin ksirt imbghad naf li jien hadtha f'irkuptejha. Allura hi fuq in-naha tal-lemin tal-karozza, mal-gemb tal-karozza tieghi.*' Mistoqsi fejn spiccat il-vittma, wiegeb fuq in-naha tal-lemin. Dwar fejn spiccat il-vittma bejn wiehed u iehor il-boghod miz-zebra crossing jghid li '*Ma' kienx hemm distanza kbira, ghax jien mal-genb hadtha. Hi ma' tghidx li telghat fuq il-karozza, daret u marret lura jew xi haga hekk. Jien jekk hadtha mal-genb, dak bhal kollox, jekk taghti daqqa mal-genb mhux ser imurlek il-quddiem.*' Ma jafx jghid distanza bejn il-*point of impact* ghal fejn instabet mixhuta mal-art izda jghid li ma kienx hemm distanza kbira.

In ri-ezami jghid li ghamel li setgha biex jevita l-incident. Ma jafx xi setgha jaghmel aktar minn li ghamel. Jghid li hu waqaf, waddab il-beritta li kellu u telaq jigri lejn il-persuna.

Ikkunsidrat;

Illi in breve il-fatti huma s-segwenti:

1. Nhar it-tletin (30) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija, l-appellant kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Peugeot ta' kulur ahmar bin-numru ta' registrazzjoni SAN 711 gewwa Triq Rue D'Argens, l-Imsida;

2. Illi Rosaria Grech u ohtha Helen Mifsud kienu qeghdin jaqsmu iz-zebra crossing[5] direzzjoni lejn l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida fi triqthom lejn il-knisja biex jisimghu quddiesa;

3. Illi hekk kif Rosaria Grech waslu hdejn il-bankina u filwaqt li Helen Mifsud kienet lehqet kwazi telghet fuq il-bankina, Rosaria Grech intlaqtet mill-vettura hawn fuq imsemmija[6];

---

[5] Skont Dr. Alex Sciberras in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali tal-Msida fix-xhieda tieghu tat-23 ta' Jannar 2013 '*kienu qeghdi on Amber ittepptu jigifieri jservu bhala lights normali taz-zebra crossing*'

[6] Rosaria Grech fix-xhieda taghha tat-8 ta' Jannar, 2016 tghid li kienet diga telghet fuq il-bankina hdejn l-Ghassa meta ttajret mill-vettura filwaqt li fix-xhieda taghha tat-18 ta' Frar, 2013 tghid li '*Kont fuq il-lights ta' hdejn l-Ghassa fi Triq D'Argens ha naqsam fuq iz-zebra crossing, kont diga qieghda naqsam. F'hin minnhom sibt ruhu ma l-art b'daqqa ta' karozza.*'

4. Illi konsegwenza tal-incident, Rosaria Grech soffriet feriti ta' natura gravi;

5. Illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta' sentejn mill-lum u dan bis-sahha tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi l-Ewwel Qorti ordnat ukoll s-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-appellant ghal perjodu ta' erba (4) xhur.

Illi l-appell interpost mill-appellant huwa limitat ghal piena inflitta mill-Ewwel Qorti fejn ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' erba (4) xhur. L-appellant jissottometi li filwaqt li l-Ewwel Qorti qablet li dan l-incident ma sehhx b'xi ksuhat jew traskuragni kbira da' parti tal-appellant tant li gie liberat bil-kundizzjoni li ma jergax jaghmel reat iehor, l-Ewwel Qorti issospendiet il-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghal perjodu ta' erba' (4) xhur. Issottometta li l-piena fir-rigward tas-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan kienet wahda manifestament eccessiva, sproporzjonata u li m'ghamlitx gustizzja mal-appellant.

L-appellant fl-appell tieghu spjega li huwa vera li persuna kellha griehi ta' natura gravi izda jghid li l-appellant ma jistax jigi akkuzat li hu hati ta' xi sewqan li jimmanifesta ksuhat jew abbuz, jghid li mod li ssuq b'mod abbusiv u tikkaguna incident li jwassal ghal griehi ta' natura involontarja u mod li taghmel zball genwin fis-sewqan li jwassal ghal griehi ta' natura involontarja. Jghid li l-akkuza titkellem dwar traskuragni u filwaqt li traskuragni hija kundannabbli, ma timmeritax li l-appellant jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' erba' (4) xhur.

L-appellant jaghmel referenza ghal numru ta' kawzi fejn meta persuna instabet hatja tal-istess akkuza u f'xi drabi akkuzi ohra konnessi mat-traffiku fosthom sewqan ta' natrua perikoluza u ta' velocita' eccessiva, l-piena inflitta kienet anqas, f'xi drabi fejn lanqas sospensjoni ma giet inflitta.

Ikkunsidrat;

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'**[7]:

'*Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"***[8]*,* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"***[9] *u ohrajn.)*' (Id-dati tas-sentenzi citati jinsabu aktar l'isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'**[10]: il-Qorti kkunsidrat li '*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.*' Madankollu, il-Qorti f'dak il-kaz qieset ic-cirkostanzi partikolari u ddecidiet li '*stante n-novita' tal-kaz in ezami w peress li l- appellant seta' genwinament kellu l-impressjoni li quod bikes ma ghandhomx bzonn licenzja biex ikunu fuq it-triq u li ma ghandhomx bzonn ikollhom kopertura ta' asskurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, din il-Qorti thoss li hemm raguni specjali biex il-periodu tas-sospensjoni w skwalifka tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jigi imnaqqas.*'

Ikkunsidrat;

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)
[8] Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999
[9] Deciza fl-24 ta' April, 2003
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

Din il-Qorti tibda bbilli taghmel referenza ghas-sentenza citata mill-appellant stess fl-appell tieghu, fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur M. Buttigieg) vs Aldo Muscat**'[11] fejn dik il-Qorti kienet ikkunsidrat li:

'*Dana kollu stabilit , din il-Qorti pero' xorta wahda ma thossx li s-sewqan hazin tal-appellant kien ta' tali gravita' li jinkwadra ruhu fir-reat ta' sewqan b' manjiera perikluza fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata izda indubbjament kien jammonta ghal sewqan hazin fi grad inferjuri w cioe' dak b'maniera traskurata li hu kompriz u involut fir-reat aktar serju ta' sewqan perikoluz . Dan ghaliex kien jikkonsisti biss f' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali w ergo kien jammonta biss ghal sewqan b' manjiera traskurata w mhux ukoll sewqan b' manjiera perikoluza. (App. Krim.* ***"Il-Pulizija vs. Stephen Grima"*** *[12.2.04]). Kien dan il- kawza prossima w determinanti tal-kollizzjoni u ghalhekk l-appellant instab hati korrettament mill-Ewwel Qorti tat- tielet u r-raba imputazzjonijiet.*'

IL-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat varjazzjoni tal-piena minn multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500) u skwalifika ta' licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur ghal skwalifika ta' licenzja tas-sewqan ghal zmien xahrejn u multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) u dan wara li rrevokat fejn l-Ewwel Qorti ssabet htija li saq b'giri aktar milli jmissu u ta' sewqan b'manjiera perikoluza u kkonfermat htija li b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna hsara fuq zewg vetturi u li involontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq persuna.

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. M. Stella Attard) vs Jonathan Grech**'[12] l-imputat kien ikkkundannat ghal hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250) u ordnat l-iskwalifika milli jkollu jew jotjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet cahdet l-appell li kien limitat ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan u kkonfermat is-sentenza appellata. F'dak il-kaz l-

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Gunju, 2004 (Appell Kriminali Numru: 26/2004)

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Jannar, 2014 (Appell Kriminali Numru: 504/2012). L-appellant ghamel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-23 ta' Ottubru, 2012

imputazzjonijiet kienu jirrigwardaw is-sewqan ta' vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u li naqas li jezercita l-kura u attenzjoni xierqa u juri l-intenzjoni tieghu b'sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni tieghu jew jaqbez vettura ohra.

L-appellant jaghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Juliette Azzopardi' fejn din il-Qorti qieghda tifhem li l-appellant kien qieghed jirreferi ghas-sentenza bl-okkju **'Il-Pulizija (Spt. Robert Vella) vs. Juliette Spiteri detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 502483(M))'** [13] fejn f'dik il-kawza l-imputata kienet instabet hatja li saqet vettura b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habtet ma' vettura u involontarjment ikkagunat hsara ghad-dannu ta' persuna u fejn b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunat offizi ta' natura gravi fuq persuna. L-imputata kienet irregistrat ammissjoni u tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz kif ukoll il-fatt li l-parti leza giet rizarcitata in toto ghad-danni sofferti, il-Qorti illiberata bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre, kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant fejn jghid li l-Qorti ma nponietx sospensjoni ta' licenzja, iskwalifikat lill-imputata milli jkollha jew tikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tmient (8) ijiem.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur M. Buttigieg) Vs Michael Gauci'**[14] fejn l-imputat gie misjub hati li saq vettura u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tajjar lil persuna u nvolontarjament ikkagunalha offizi ta' natura gravi per durata. L-Ewwel Qorti kienet ikkundannat lill-imputat ghal hlas ta' multa ta' mitejn Liri Maltin (LM200) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licennzja tas-sewqan ghal zmien xahar. Il-Qorti tal-Appell Kriminali dwar il-piena kienet ikkunsidrat:

*'Illi ghalkemm ma hemmx aggravju dwar il-piena "ut sic" imma biss talba ghar-riforma taghha fir-rikors tal-appell , il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-18 ta' Lulju, 2016 (Kumpilazzjoni Numru 259/13)
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Marzu, 2004 (Appell Kriminali Numru: 30/2014)

*diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"***[15]*,* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"***[16] *u ohrajn.) F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l- parametri tal-ligi ghaliex l-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali jipprovdi ghall-piena ta' multa* ***ta'mhux izjed minn elf lira*** *Maltin jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlitt xhur. Il-periodu tas-sospensjoni hu ukoll entro l-parametri legali ghal sewqan bi traskuragni skond l-artikolu 15 tal- Kap.65. Ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il- piena.'*

Fis-sentenza **'Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs David Attard'** [17] fejn l-imputat gie akkuzat li b'nuqqas ta' hsieb u traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kien qed isuq vettura 'volontarjament'[18] ikkaguna offizi ta' natura gravi per durata fuq persuna u feriti ta' natura hafifa fuq persuna ohra. Il-Prosekuzzjoni kienet talbet is-sospenzjoni ta' kull licenzja tas-sewqan. Il-Qorti kkunsidrat li:

*'Kwantu l-piena, l-prosekuzzjoni talbet fis-sottomisjonijiet taghha li tinghata taghlima lill-imputat u semmiet distanza ta' brake marks u hsarat fil-proprjeta' ta' terzi izda minkejja dan ma akkuzatx lill-imputat b'offizi ohra bhal sewqan perikoluz u hsara fi hwejjeg ta' terzi u ghalhekk ma tistghax tkun taf il-portata tal-fatti jigifieri jekk dan kienx incident spjegabbli jew kawza ta' xi sewqan in eccess tar- regoli tat-traffiku jew abbuz iehor. Il-Qorti ghallhekk qed titratta mal-imputat billi tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt xhur (6) mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9. Inoltre ai termini ta' l-artikolu 30 tal-Kap 9, tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas- sewqan tieghu ghall-zmien xahar (1) mil-lum.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Robert Camilleri'**[19], fejn l-Ewwel Qorti kienet apparti piena ta' multa ta' elf ewro (€1000), issospendiet lill-imputat minn kull

---

[15] Deciza nhar l-14 ta' Gunju, 1999;
[16] Deciza nhar l-24 ta' April, 2003;
[17] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-6 ta' Frar, 2012 (Numru 131/2012)
[18] Din il-Qorti qieghda tinterpreta li erronjament tnizlet il-kelma 'volontarjament' minflokk 'involontarjament' u dan tenut kont li l-Qorti fis-sentenza taghha rat l-artikoli 226(a) u (c) ta-Kapitolu 9.
[19] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru, 2010 (Appell Kriminali numru: 155/2010)

licenzja ta' sewqan ghal perjodu ta' tlett (3) xhur, il-Qorti tal-Appell Krimali kkunsidrat li:

*'Kwantu ghall-aggravju dwar il-piena, l-appellant instab hati ghall-ksur ta' l-artikoli 226 u 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond l-artikolu 226(1)(b) il-piena hi dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux izjed minn elfejn tliet mija disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37). Il-piena skond l- artikolu 328(d) hi ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet. Anke bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 il-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-ligi. L-istess jista' jinghad ghall-iskwalifika minn kull licenzja tas-sewqan, u dan a tenur ta' l-artikolu 30(b) tal-Kap. 9. Irid jinghad illi l- ewwel Qorti waslet ghall-piena wara li hadet in konsiderazzjoni negligenza kontributorja da parti ta' Emanuel Xuereb.'*

Ikkunsidrat;

L-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 ma jipprovdix parametri dwar il-perjodu ta' skwalifika ta' licenzja u ghalhekk hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex tenut kont tac-cirkostanzi tiddeciedi jekk timponix skwalifika u ghal liema perjodu. Illi ghalhekk il-piena li tigi imposta permezz ta l-artikolu 30 hija wahda diskrezzjonaarja u mhux tassattiva. Minn naha l-ohra s-subartikolu (2) u (3) tal-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 jipprovdu l-minimu ta' kemm ghandu jkun il-perjodu ta' skwalifika f'kaz ta' sewqan traskurat, traskurat hafna jew perikoluz. L-iskwalifika taht din id-disposizjoni tal-ligi hija wahda tassattiva.

L-artikolu 15(2) jaqra:

*'Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra* ***bi traskuraġni kbira*** *jew* ***b'mod perikoluż****, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta'* ***mhux anqas minn tliet xhur****, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta'* ***mhux anqas minn sena.'***

*(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifikalill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta'* ***<u>mhux anqas minn tmint ijiem</u>***. (Emfazi mizjuda)

Fil-kaz odjern, l-appellant ma giex akkuzat b'sewqan perikoluz jew bla kont. Filfatt huwa ma gie akkuzat bl-ebda reat li jaqa' taht il-Kapitolu 65 tant li s-sospenzjoni skont kif jirrizulta mid-*decide* ta-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kienet ibbazata fuq l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kif hawn ikkunsidrat dan l-artikolu ma jiprovdix il-minimu jew parametri meta Qorti tiddeciedi li tordna sospenzjoni ta' licenzja u ghalhekk hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddeciedi dan.

Ikkunsidrat;

Stante li l-appell huwa limitat fuq il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti, din il-qorti mhijiex sejra tidhol fil-mertu izda sejra biss tikkunsidra jekk fic-cirkostanzi, l-piena ghandhiexx tkun wahda aktar mita. L-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta' sentejn bis-sahha tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta minn liema piena ma jidhirx li l-appellant qieghed jilmenta. L-appellant hassu aggravat mill-Ewwel Qorti fejn hija ordnat is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-appellant ghal perjodu ta' erba (4) xhur.

L-appellant fl-appell tieghu senjatament fil-parti rigwardanti l-fatti fil-qosor jissottometti li meta sehh l-incident in kwistjoni, it-*traffic lights* kienu iteptpu fuq *amber* u kienu posizzjonati b'mod li facilment setghu iwasslu ghal incident tant li skont l-appellant ricentement wara li sehh l-incident dawn gew mpoggija f'post differenti fl-istess triq. Din il-Qorti tinnota li ma ngabitx prova permezz ta' ritratti dwar bdil posizzjoni tat-traffic lights u mill-provi prodotti mhijiex f'posizzjoni li tikkunsidra jekk dawn kienux f'posizzjoni li facilment joholqu incident.

Numru ta' xhieda inkluz PS 65 Noel Said, il-parti leza Rosaria Grech, oht il-parti leza Helen Mifsud u l-appellant innifsu jikkonfermaw li t-traffic lights kienu qeghdin iteptpu orango. Dr Alex Sciberras in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali tal-Msida fix-xhieda tieghu ta' nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) jghid li '*Il-lights hemm hekk kienu qeghdin on Amber ittepptu jigifieri jservu bhala lights normali taz-zebra crossing.*' Ghalhekk stabbilit li l-incident sehh fuq zebra crossing u tenut kont tal-fatt li t-traffic lights kienu qeghdin iteptu fuq l-orango necessarjament ifisser li l-appellant kellu jkun kawt waqt li javvicina dawn it-traffic lights li din il-Qorti mix-xhieda prodotta quddiem l-Ewwel Qorti fehmet li kienu qeghdin jintuzaw bhala zebra crossing.

Kif ikkunsidratt l-Ewwel Qorti kien in-nuqqas ta' attenzjoni da parti tal-appellant u definittivament in-nuqqas milli jzomm *proper lookout* li wassal ghall-incident de quo. Tenut kont tal-fatt li kien qieghed javvicina traffic lights iteptu orango jew zebra crossing, l-appellant kien obbligat li jnaqqas l-ispeed u dan biex ikun jista' jilmah lil min ikun sejjer jaqsam jew f'dan il-kaz qieghed jaqsam u jwaqqaf il-vettura f'hin opportun. In-nuqqas ta' *proper lookout* huwa anke ampju in vista li l-parti leza kienet kwazi irnexxieli titla fuq il-bankina u ghalhekk prattikament kienet qasmet it-triq kollha. Helen Mifsud oht il-parte civile fix-xhieda taghha ta' nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) tghid li '*Jiena kemm ihaqt tfajt saqghajja wahda fuq il-bankina u ohti hdejja, il-parti leza fir-rapport tal-Pulizija tghid 'Inzilna l-ewwel bankina, u kif kwazi qsamt il-bankina, giet din il-karozza u taghtni daqqa, u bid-daqqa tellghatni fuq il-bankina.*' Il-parti leza Rosaria Grech fix-xhieda taghha tat-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) tghid li '*Kont fuq il-lights ta' hdejn l-Ghassa fi Triq D'Argens ha naqsam fuq iz-zebra crossing, kont diga qieghda naqsam. F'hin minnhom sibt ruhu ma l-art b'daqqa ta' karozza.*' Filwaqt li l-parti leza fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena efejn u sittax (2016) in ri-ezami xehdet '*Kont diga tlajt fuq il-bankina ta' hdejn l-Ghassa meta ttajjart mill-vettura.*'

Din il-Qorti nnotat li minkejja li l-parti leza meta xehdet fit-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) qalet li '*it-temp kien bnazzi u ma kinitx xita*', fir-rapport tal-Pulizija taht *weather coniditon* jirrizulta li hemm imnizzel '*rainy*' u dwar road surface condition hemm imnizzel '*wet*' tant li oht il-parti leza Helen Mifsud tghid li kellha umbrella f'idejha, In oltre, filwaqt li r-rapport tal-Pulizija dwar '*Lighting Condition*' jiprovdi '*Darkness- street lights lit*', Dr Alex Sciberras ghal Kunsill Lokali tal-Msida fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed li '*dejjem pjutost imdawwal, ghandek id-dawl li gej mill-ghassa u apparti minn hekk dak iz-zmien ikun hemm anki l-armar tal-Milied jigifieri jkun hemm id-dwal tal-Milied, it-triq hemm hekk tkun mixula sew.*' Fl-istess seduta Helen Mifsud tghid li '*...kienet kollha mixula bid-dawl tal-Milied, il-bozza ta' fuq iz-zebra croos bidet tixel u tifi bl-orange u fuq il-lights hemm bozza kbira tal-Gvern, dlam ma kienx hemm zgur ghax minn fuq sa isfel kienet muxulha b'tal-Milied.*' Il-parti leza Rosaria Grech fis-seduta tat-tmienja ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) tghid li '*Kien dalam pero kien hemm dawl tal-Milied.*'

L-appellant fix-xhieda ta' nhar it-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjega li '*Hemmhekk malli ddur mal-ewwel issib il-lights. X'hin jiena rajt il-lights iteptpu amber, jien kont qed insuq bil-mod u naf li kont qed insuq bil-mod. Kienet ix-xita u jien qatt ma' nsuq bis-sahha. U x'hin rajt lill-persuna ta' faccata, naf li kienetx bizejjed li naghfas il-brejk u ksirt kollox fuq ix-xellug biex nevita l-persuna. Huma kienu qed jimxu wara xulxin, u lqatt lill-persuna l-ohra li kienet miexja warajha.*' Dan jikkontrasta dak li xehdet Helen Mifsud fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) li xehdet li '*... min tajjarha baqa sejjer, lanqas induna li l-ohti tajjarha. Jiena bdejt nghajjat u nwerzat kemm niflah biex in-nies jaghtuni l-ghajjut. Kellhi l-umbrella f'ideja ghax imbaghad ghamlet ftit xita, fuq iz-zebra cross jiena tghidx kemm bdejt nghajjat u nxejjer b'idejja u min kien mill-umbrella induna, min kien hemm mieghu induna li gara xi haga ghax min kien hemm mieghu qaltli 'xgara?' Ghedtilha 'ara, ara x'gara'*.

L-appellant jissottometti wkoll li ma kienx hemm brake marks u li skont hu, huwa sinifikativ li ma kienx qed isuq b'velocita' eccessiva. Din il-Qorti ma thoss li ghandha tidhol fil-kwistjoni ta' interpretazzjoni dwar meta ma jinstabux *brake marks* u dan peress li dak huwa kompitu ta' espert u zgur mhux mertu ta dan l-appell li hu limitat

fir rigward ta l-iskwalifika ta licenzja biss. Madankollu kif gia inghad l-appellant ma kienx akkuzat ta' sewqan eccessiv izda l-appellant kellu l-obbligu sagrosant li jzomm *a proper lookout*, javicina b'kawtezza zebra crossing jew traffic lights u jsuq b'certu galbu dan anke tenut kont ta' kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti li '*dak inhar l-art kienet xi ftit imxarrba*'.

Kif ikkunsidrat l-Ewwel Qorti '*<u>mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm xi forma ta' perikolozita' fis-sewqan ta' l-imputat</u> izda l-Qorti hija tal-fehma- u dana jirrizulta b'mod evidenti mid-dinamika ta' l-incident- li kien hemm nuqqas ta' attenzjon, definittivament nuqqas ta' proper look out, minn naha ta' l-imputat li kien il-kagun ta' dan l-incident. Fic-cirkostanzi l-imputat legittimimament gie passabbli ghall-akkuza migjuba kontra tieghu.*'

Din il-Qorti temfasizza li hafna incidenti jekk mhux il-maggorparti jigru konsegwenza ta' disattenzjoni ta' ftit sekondi, aljenament li jwassal ghal konsegwenzi serji. F'dan il-kaz partikolari, l-parti leza soffriet griehi ta' natura gravi, liema griehi affetwaw serjament il-hajja tal-parti leza skont ix-xhieda tal-parti leza u ta' Helen Mifsud.

Il-Qorti rat ukoll in-nota tal-appellant prezentata fl-atti nhar it-23 ta Ottubru 2018 li permezz taghha huwa pprezenta document imhejji minn Aaron Seguna in rappresentanza ta SGS Italia S.pA Malta branch minn fejn jirrizulta li l-icenzja tas-sewqan hija necessarja ghall-impieg tieghu.

Dwar dan il-Qorti taghmel referenza ghas sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija Spettur Frans Micallef Spettur Spiridione Zammit Vs Mario Mifsud</u>**[20] fejn inghad b'referenza ghal talba simili li " *Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan l-ahhar ilment tal-appellant jista' jigi milqugh peress illi l-qrati taghna dejjem argumentaw illi persuna li jiddependi mis-sewqan ma jintitolahx illi*

[20] Deciza 2 ta Ottubu 2014 Appell Nru: 1/2014

*jmur kontra l-ligi*". Fil-kawza "**<u>Il-Pulizija versus Paul Azzopardi</u>**"[21] intqal illi l-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu ... "*ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin.*"

Ikkunsidrat,

L-appellant jissottometti li l-Qorti ma qiesitx li kellha quddiemha *first time offender*, u li ghandu fedina penali nadifa. Mill-fedina penali prezentata mill-prosekuzzjoni a fol 127, jirrizulta li fil-mori tal-proceduri, l-appellant gie akkuzat u misjub hati ta' pussess aggravat ta' droga. Skont il-fedina penali izda ma jirrizultax li l-appellant kien precedentement instab hati ta' akkuzi rigwardanti sewqan jew ta' hsara involontarja fuq persuna.

Din il-Qorti qieghda tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta' sentejn u dan kollu bis-sahha tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz fejn l-Ewwel Qorti ma sabitx xi forma ta' perikolozita' fis-sewqan tal-appellant, kif ukoll il-fatt li skont ic-citazzjoni l-prosekuzzjoni ma talbitx is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tant li lanqas ma nhargu akkuzi relatati mas-sewqan tal-appellant taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li ta' sikwiet jinhargu meta sehh hsara involontarju fuq persuna waqt sewqan tiddeciedi li l-appellant ma kienx jimmerita sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan ghal perjodu twil.

Madankollu, din il-Qorti hija tal-fehma li stante li l-Qrati ghandhom id-dmir li jipprotegu lis-socjeta' u in vista tas-serjeta' tal-kaz fejn jirrizulta li konsegwenza tan-nuqqasijiet da parti tal-appellant, gew ikkawzati konsegwenzi serji fis-sahha u hajjet

---

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Awwissu 2006

il-parti leza, sejra tordna s-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-appellant ghal zmien xahar (1).

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell u tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet htija tal-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant u fejn illiberat lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta' sentejn, liema perjodu jibda ghaddej mill-lum u dan kollu bis-sahha tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, thassarha fejn ordnat is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-appellant ghal perjodu ta' erba' (4) xhur u minflok qieghda tordna s-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-appellant ghal perjodu ta' xahar (1) li jibda ghaddej minn nofs il-lejl tal-lum.

Il-Qorti *ai termini* tal-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fissret lill-appellant fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' sentejn mil-lum.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur